FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' GUNJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

Vs

Giancarlo Millo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 441576 akkuzat talli fl-10/01/2014 ghal-habta tat-0900hrs gewwa Triq il-Kanun Santa Venera:

1. saq vettura Nru GMI-110 b'manjiera perikoluza;
2. meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Cefai skond kif iccertifika Dr Juan Ellul Pirotta M.D. mill- M.D.H;

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b' sewqan perikoluz u li ikkaguna offizi involontarji ta' natura gravi fuq il-persuna ta' certu John Cefai dan in-segwitu ta' incident stradali fi Triq il-Kanun, Santa Venera, fl-10 ta' Jannar 2014.

Kif ben muri mir-ritratti esebiti minn Ps385 Dalli, l-incident, meritu l-proceduri, gara xi metri 'l isfel mill-kwartieri tal-Bank of Valletta, precisament fi Triq il-Kanun kantuniera ma' Triq il-Palazz l-Ahmar. Ix-xhieda in propositu juru li l-parti leza kien il-pedonali u l-imputat s-sewwieq tal-vettura numru ta' registrazzjoni GMI-110. Dwar l-incident, il-provi huma tali, anka mix-xhieda tal-parti leza stess, li l-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura, ghandu jigi tenut ezimi mir-responsabilita' ghall-incident. Tafferma l-Qorti, li l-parti leza kellu l-obbligu, fic-cirkostanzi, li ma jostakolax lill-imputat u jaqsam it-triq inkonsultament propju fil-hin li l-imputat kien qed jimmanuvra biex johrog mit-triq il-Palazz l-Ahmar, minn posizzjoni stazzjonarja, stante li kellu jaccerta ruhu li ma kienx hemm vetturi jittransitaw Triq il-Kanun. L-obbligu tal-parti leza kien li jhalli lill-imputat isuq jew ghal tal-inqas jghaddi minn wara l-vettura tal-imputat. Jghid fix-xhieda tieghu li lill-imputat rah jittawwal biex jara jekk kienux qed jittransitaw vetturi mit-triq

principali, ossija, minn Triq il-Kanun u allura kien aktar f'obbligu li jaghmel dak li appena isemma.

Tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah

A.M.Trigona
Magistrat